*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

*KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 32 – 22 ta’ Ġunju 2021**

***Minuti tat-tnejn u tletin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-22 ta’ Ġunju 2021 fis-8:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ fit-8:00 ta’ filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 32. Il-laqgħa bdiet fl-8:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b’Apoloġija:** | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-Kunsillier Clive Azzopardi avża li ma jistax jattendi għal din il-laqgħa.

**32.2 PA03073/21 ;Sit fi Triq l-Imdina c/w Sqaq tal-Hlas, Triq Is-Snajja, Ħaż-Żebbuġ**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea tkellem dwar dan is-sit li jinsab fi Mdina Road, fejn ir-River of Love. Din l-art tinsab barra mil-Local Plan u l-art hija skedata bħala ODZ. L-aċċess għal dan il-kumpless li ser jinbena, huwa minn triq rurali fuq wara tal-binja, li tagħti għal Triq tal-Ħlas.

Il-Kunsillier David Battistino qal li l-Kunsill minn dejjem mexa fuq il-prinċipju li ma jaqbilx ma bini fl-ODZ.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li talab din il-laqgħa b'urġenza għaliex din l-applikazzjoni ma għandiex ikollha l-barka tal-kunsill għaliex fejn qed jkun propost li jsir il-proġett hija 'valley protected zone', u barra minn hekk hija protetta wkoll mil-Local Plan SMCO 07.

Wara li tlestiet id-diskussjoni, ittieħed vot. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li l-Kunsill joġġezzjona għal din l-applikazzjoni. Huwa kien sekondat mill-Kunsillier Steve Zammit Lupi. Kien hemm qbil unanimu.

Sadanittant il-laqgħa kienet aġġornata għas-7 ta' Lulju 2021.

**Dr. Malcolm P. Galea** **Paula M. Valletta**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**